# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 167/11 MH**

**Illum 4 ta' Novembru, 2020**

**Nathaniel Vella (K.I.193391M)**

**vs**

**Badger Company Limited (C-19568)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' l-attur tal-21 ta' Frar 2011** fejn ġie premess illi:

1. *Illi fit-2 ta' Jannar 2010 għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija, ir-rikorrenti, li llum għandu dsatax-il sena, kien qiegħed isuq 'go kart' ġewwa l-korsa tal-Badger Karting li tinsab fi Triq Durumblat, Mosta u liema korsa hija ġestita mis-soċjetà intimata. F 'hin minnhom l-isteering tal-imsemmija 'go kart' inqala' minn postu u ġie f'idejn ir-rikorrenti u l-brejkijiet ma baqgħux jaħdmu bil-konsegwenza illi tilef il-kontroll tal-'cart' u spiċċa ġo waħda mis-siġar li hemm biswit il-korsa fejn korra*

*serjament, u dan kif ser jiġi ppruvat dettaljatament tul it-trattazzjoni ta' dan il-każ;*

2. *Illi bħala konsegwenza diretta ta' dan l-inċident ir-rikorrenti kien jeħtieġ intervent kirurġiku immedjat u trattament ta' fiżjoterapija li għadha meħtieġa sal-ġurnata tal-llum, ossija 'l fuq minn sena wara li seħħ l-inċident b 'danni konsistenti fi spejjeż mediċi kontinwi hekk kif ser jiġi muri tul it-trattazzjoni ta' dan il-każ;*

3. *Illi mhux biss, iżda bħala konsegwenza diretta ta' dan l-inċident ir-rikorrenti sofra ġrieħi ta ' natura serja u permanenti fl-irkoppa ta' riġlejh ix-xellugija liema ġrieħi wasslu għal grad ta' diżabilità permanenti fl-irkoppa ta' tnax fil-mija [12%] hekk kif ċertifikat mill-Kirurgu Frederick Zammit Maempel MD, FRCS (Eng), konsulent ortopediku fir-rapport tiegħu datat it-28 ta' Diċembru, 2010;*

4. *Illi għal dan l-inċident is-soċjetà konvenuta hija unikament responsabbli. Dan jingħad għaliex fl-ewwel lok il- 'cart' provduta minnha lir-rikorrenti u li kellha sservi għad-divertiment tiegħu kienet difettuża jew bil-ħsara u wasslet sabiex seħħ l-inċident de quo. Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju, il-korsa tal-Badger Karting ma kienetx attrezzata bl-ebda miżura li tipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tas-sewwieqa. In oltre, is-siġar Ii kien hemm madwar iċ-ċirkwitu tal-Badger Karting u li ma waħda minnhom spiċċa ħabat ir-rikorrenti, ċertament kienu jrendu l-ambjent perikoluż għas-sewwieqa. Ulterjorment ħaddiema tas-soċjetà konvenuta aġixxew b 'mod għal kollox traskurat u irresponsabbli meta b'mod żbrigattiv u inkompetenti ċaqalqu r-rikorrenti minn ġewwa l-'go cart' għal ġo oħra u saquh lejn il-karozza tiegħu li kienet ipparkjata. Hemmhekk telquh fuq it-tarmac ma l-art mingħajr ma sejħu għall-*

*għajnuna medika u dan b'periklu ċar u manifest għal kundizzjoni tar-rikorrenti li dak il-ħin kienet diġà tidher waħda serja ħafna, u dan kif ser jiġi ppruvat tul it-trattazzjoni ta' dan l-każ;*

5. *Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet anke permezz ta' ittri uffiċjali mibgħuta mir-rikorrenti lis-soċjetà konvenuta sabiex din tersaq għat likwidazzjoni u konsegwenti ħlas ta' danni, dovuti lir-rikorrenti, is-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti;*

6. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

7. *Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Illi għalhekk l-esponenti għamel is-segwenti talbiet lil dina l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà konvenuta hija unikament responsabbli ta' inċident li gara nhar it-2 ta' Jannar, 2010 fuq deskritt fejn fih korra serjament ir-rikorrenti, u għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti bħala riżultat tal-istess inċident, u dan minħabba traskuraġni, negliġenza u aġir irresponsabbli tal-istess soċjetà konvenuta;*

*2. Tillikwida okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi, d-danni kollha sofferti mir-rikorrent bħala konsegwenza tal-imsemmi inċident;*

*3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lir-rikorrenti id-danni hekk likwidati ai termini tat-tieni talba ta' dan ir-Rikors.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 23 ta' Frar 2010 u ta' dik datata l-31 ta' Jannar, 2011 u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjetà intimata li hija minn issa nġunta in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta tal-1 t'April 2011**[1] fejn ġie eċċepit illi:

1. *"Illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent, stante illi l-inċident in kwistjoni ma seħħx minħabba xi traskuraġni, negliġenza u/jew aġir ir-responsabbli tas-soċjetà esponenti, iżda seħħ unikament tort tar-rikorrent minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' attenzjoni da parti tiegħu, u dan kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ ta' dan il-każ Illi għalhekk is-socjeta' esponenti ma hijiex tenuta li tagħmel tajjeb għal ebda danni li setgħa sofra r-rikorrent riżultat tat-inċident in kwistjoni.*

2. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrent irid jagħmel il-prova tad-danni rejalment subiti minnu.*

3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

4. *Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent."*

[1] Fol 22 et seq

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi tal-partijiet.

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Av. Massimo Vella u l-konstatazzjonijiet tal-perit tekniku Joseph Zammit, it-tnejn esperti nkarigati minnha.

Rat in-Noti ta' Kritika tal-partijiet wara r-rapport tal-perit legali.

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Fil-każ tal-lum l-attur jallega li ġarrab ġrieħi ta' natura serja u permanenti waqt inċident li kellu huwa u jsuq 'go kart' ġewwa l-korsa tal-Badger Karting, il-Mosta ġestita mis-soċjeta' konvenuta, għall-liema nċident huwa jatribwixxi ħtija lis-soċjeta' konvenuta. Huwa jgħid li mhux biss il-'go kart' mogħtija lilu kienet difettuża jew bil-ħsara imma wkoll il-korsa nnifisha ma kinitx attrezzata b'miżuri li jipproteġu s-saħħa u s-sigurta' tal-utenti li jżuru l-korsa. Huwa qiegħed għalhekk jitolbu l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mingħand is-soċjeta' konvenuta.

Minn naħa tagħha s-soċjeta' konvenuta rrespinġiet tali pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**1. <u>Dinamika tal-inċident</u>**

Nhar it-2 ta' Jannar 2010 l-attur flimkien ma' sieħbu Justin Chetcuti għal ħabta ta' 6.00pm marru fil-korsa tal-Badger Karting ġewwa l-Mosta sabiex isuqu l-

'go karts'. L-attur kien imur hemm regolarment. Rikbu l-'go karts' li ndikawlhom l-impjegati u bdew ħerġin fil-korsa wieħed wara l-ieħor flimkien ma' persuni oħra. Malli l-attur beda jsuq u avviċina l-ewwel kisra fuq in-naħa tax-xellug, ħareġ mill-korsa bil-'go kart' u baqa' dieħel ġo siġra fejn sofra ġrieħi partikolarment f'saqajh li minħabba n-natura tagħhom ttieħed l-isptar minn missieru u sussegwentement instab li sofra diżabilita' ta' natura permanenti.

**2. <u>Responsabilta' għall-inċident</u>**

Fl-ewwel lok u bħala prinċipju ġenerali jiġi sottolineat li ġjaladarba s-soċjeta' konvenuta għamlet il-korsa tal-*badger karting* disponibbli għall-użu u d-divertiment tal-pubbliku, hija għandha l-obbligu li tassikura li fl-operat tal-korsa, din tkun ħielsa minn periklu għall-istess utenti.

Ingħad hekk fil-każ **Avukat Dottor Simon Cachia vs Sport Malta et deċiż fl-1 ta' Novembru 2016 -**

*"Illi in vista tal-premess għandu jkun paċifiku li l-intimat SportMalta hu unikament responsabbli biex jassigura li fl-operat kollu varjat minnu reż disponsibbli għall-*utenti *fil-pixxina nazzjonali, tkun ħielsa mill-perikli għal kull min jagħmel użu minnha u mill-faċilitajiet li hi tippreżenta lill-istess;*

......

*Illi meta l-amministrazzjoni tal-pixxina de quo tagħżel li tikri l-faċilitajiet tagħha lill-utenti li qed iħallsuha għal din il-konċessjoni din tassumi dover serjissimu senjatament:*

*"a duty to take such care as is reasonable to see that the visitor will be reasonably safe in using the premises for the purposes for which he is invited or permitted to be there". The question whether the occupier has fulfilled his duty to the visitor is thus dependent upon the facts of the case. The relevant circumstances include the degree of care and of want of care that may be looked for the particular visitor" – Windfield & Jolowicz on Tort p. 299 citat a fol 6 fis-sentenza tal-**Prim' Awla tal-Qorti Ċivili** fl-ismijiet **Samuel Zarb vs. Michael Vella u martu Rose Marie Vella** datata t-**28 ta' Ġunju, 2002**;*

Naturalment, l-attur, *qua* utent tal-korsa, kellu wkoll l-obbligu li waqt li qiegħed jagħmel użu mill-faċilitajiet tagħha, juża d-diliġenza u l-prudenza ta' *bonus pater familias* b'tali mod li ma jesponix lilu nnifsu u/jew oħrajn f'periklu bla bżonn.

Fil-każ **Francine Cini vs Robert Galea deċiż fit-3 ta' Ġunju 2019** din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk–

*F'sentenza fl-ismijiet **Samuel Leone Ciantar vs. Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited**, intqal:*

*"Skont ir-regola aċċettata fil-ġurisprudenza tagħna volenti non fit iniuria, ċioe jekk il-parti li sofriet id-danni tkun għażlet minn rajha u b'mod volontarju li tqiegħed lilha nnifisha fil-periklu, ma tistax imbagħad titlob kumpens għal dak li ġralha minħabba tali periklu."*

*F'deċiżjoni fl-ismijiet **David Gathergood vs. Anchor Bay Leisures Ltd et** il-Qorti indikat liema huma r-rekwiżiti meħtieġa sabiex jitqies li hemm sitwazzjoni ta' volontarjetà fl-assunzjoni tar-riskju:*

*"Il-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għar-riskju; (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilità tar-riskju li dieħla għalih. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu l-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għamil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalità mill-għamil tal-parti l-oħra."*

*F'deċiżjoni fl-ismijiet* **Manfred Alamango et vs. Victor Agius** *il-Qorti għamlet riferiment għal dak li ntqal mill-awturi Catherine Elliott u Frances Quinn, li juru l-fehma li l-prinċipju ta' volenti non fit iniuria, jiskolpa kompletament mir-responsabbilità lill-parti konvenuta:*

*"This Latin phrase means 'no injury can be done to a willing person' and describes a defence which applies where the claimant has in some way consented to what was done by the defendant, on the basis that in giving consent the claimant was voluntarily taking the risk of harm. Unlike contributory negligence it is a complete defence, rather than a means of reducing damages: if the claimant consented, the defendant is not liable at all."*

Hemm kontestazzjoni qawwija bejn il-partijiet dwar il-kawża prossima li wasslet għall-inċident in kwistjoni u min allura għandu jġorr ir-responsabbilta' għal dak li seħħ.

Il-verżjoni tal-**attur Nathaniel Vella** hija s-segwenti[2] -

[2] Affidavit a fol 379 et seq

*"Nhar it-2 ta' Jannar 2010, mort biex insuq il-Badger Karting għal ħabta tal-17:30 iżda wieħed mill-ħaddiema tal-Badger Karting, ismu ma nafux, qalli illi m'hemmx post u sabiex nerġa mmur fis-18:00. Jiena erġajt mort fis-18:00 u ħallast bħas-soltu, lbist il-'helmet' fit-trakk. Daħlu n-nies bil-'go carts' li kienu qed jużaw u l-ħaddiem qalilna biex nitilgħu fil-karozzi u nippreparaw. Jien tlajt fuq il-'cart' numru 17, iżda sakemm ma kien qed jissetja l-ħin, qalli "tieħux din ħu n-numru 12 għax dik għamilnielha magna ġdida u tiġri aktar". Hu startjaħħieli u għafas il-ħin u bdejt insuq.*

*Ħriġt l-ewwel triq dritta u ma' l-ewwel kisra l-'isteering' ma kisirx u ġie f'idejja, iddiskonnetjat mill-bqija tal-karozza u meta bdejt nagħfas il-brejkijiet u dawn lanqas ma bdew jaħdmu. Ir-rota tax-xellug, ma baqgħetx dritta, iżda tgħawwġet minħabba li nqala l-'isteering'. Il-karozza baqgħet dieħla ġos-siġra, u ma kien hemm xejn x'jilqa; la 'tires', xejn. Ġie wieħed ħaddiem t'hemmhekk ħdejja u staqsieni jekk kontx orrajt. Qalli wkoll x'daqqa ħadt u x'kien ġara. Għedtlu jien orrajt, imma aħjar inċemplu lil missieri jew l-ambulanza għax ma kontx f'sikkti. Ġie ħaddiem ieħor jiġru ħdejja u qalli li kien semagħni mill-uffiċju bid-daqqa li kont ħadt. Ġie raġel ieħor, mingħalija jismu 'Ian' – 'bodybuilder', jiġri u saqsieni jekk kontx orrajt, u qalli li kont qed nidher abjad karti. Sadanittant, l-ieħor qallu biex imur iġibli flixkun ilma. Jien missejt ħalqi, u ndunajt illu l-ħelmet ma kienx ġo rasi, iżda ġdejn is-siġra maqsum. Ġabuli l-ilma, u bdejt niġi f'tiegħi. Wieħed minnhom għedtlu li saqajja ma bdejtx inħosshom u li kienu mwaħħlin fejn il-pedali tal-gass. Sieħbi li kien migħi waqaf ħdejja u beda jkellimni u saqsieni x'kien ġara, u qalli li hu stess kien ra l-karozza miexja bla kontroll, u li mbagħad raha li baqgħet dieħla ġos-siġra bla kontroll u li imbagħad raha li baqgħet dieħla ġos- siġra. Imbagħad wieħed minnhom qabadli rkupptejja u qalli li kienet minfuħa ħafna bid-daqqa u qabadli sieqi minn taħt il-koxxa u ċaqlaqli rkupptejha darbtejn, u qalli li ksur ma kellix.*

*Kif messli sieqi, ħassejt ħafna uġigħ, u reġgħa għax li kieku mhux qed inċaqlaqha. Jien għidt li saqajja mhux qed inħosshom. Ġie wieħed, li mingħalija il-manager jew Ian, u qalli sabiex noħorġu minn fejn konnha, għax warajjha kien hemm 'session' oħra. Jien bqajt ninsisti li ma ridtx noħroġ għax kont muġugħ ħafna, u li kif kont ser niġi f'tiegħi, noħroġ waħdi. Qaluli xi tliet darbiet biex noħroġ, u baqajt ngħidilhom le, u bgħadt lil sieħbi iġiblu l-mowbajl mil-'locker' biex inċempel lil missieri. Kif raw li sieħbi telaq għall-mowbajt, ġabuli 'go cart' oħra b'wieħed ġo fiha li kien qed isuqha. Refawni minn ġol-'go cart' tiegħi mingħajr jien ma ridt minħabba li kont muġugħ. Tefgħuni fuq il-ġenb tal-'go cart', b'saqajja ikaxkru mal-art u saquni barra sa fejn il-karozza tiegħi. Lili tefgħuni mal-art fuq it-tarmak ħdejn il-vettura tiegħi. Wieħed qal lill-ieħor "Imxi ħa ndaħħlu l-karozza min hemm għax ser iweġġgħa xi ħadd ieħor minn ġo fiha. Huma ħarġu għall-karozza maħbuta, refgħu quddiem fuq il-'go cart' u daħħluha ġol-'workshop'.*

Mill-banda l-oħra ħadd mill-impjegati tas-soċjeta' konvenuta ma ra l-inċident iseħħ. **Michael Naudi**, li fl-epoka tal-inċident kien ħaddiem part-time fil-korsa tas-soċjeta' konvenuta xehed[3] li fit-2 ta' Jannar 2010 huwa kien xogħol u l-inċident seħħ fix-xift tiegħu. Għalkemm ma raħx iseħħ qal li s-sessjoni kienet ilha għaddejja ftit minuti meta mbagħad ġara l-inċident. Dak il-ħin hu mar ħdejn l-attur u sejjaħ impjegat ieħor, Daniel, biex jassisti. Fi kliem ix-xhud –

*"Lil Nathaniel rajna li ma kellu xejn, tfajnieh ġo 'go kart' oħra biex innizżluh għax ma setax jimxi u Daniel ċempel l-ambulanza. Ċemplu lil missieru li ġie għalih u telaq ma' missieru."*

---

[3] Fol 255 et seq

Anke l-impjegat l-ieħor **Daniel Micallef** sostanzjalment ikkonferma l-verżjoni mogħtija mill-kollega tiegħu[4].

Mill-aspett legali l-attur jatribwixxi responsabilta' għall-inċident lis-soċjeta' konvenuta fuq tlett binarji –

- Il-*cart* provduta lilu mis-soċjeta' konvenuta kienet difettuża jew bil-ħsara u wasslet biex seħħ l-inċident *de quo*;
- Il-korsa tal-Badger Karting ma kinitx attrezzata b'miżuri li jipproteġu s-saħħa u s-sigurta' tas-sewwieqa. Huwa allega wkoll li s-siġar li kien hemm madwar iċ-ċirkwit tal-Badger Karting u li ma waħda minnhom spiċċa ħabat hu stess, ċertament jirrendu l-ambjent perikoluż għas-sewwieqa;
- Il-ħaddiema tas-soċjeta' konvenuta aġixxew b'mod għal kollox traskurat u rresponsabbli.

Is-soċjeta' konvenuta tirribatti nvece li –

- L-kawża prossima tal-inċident ma kinitx il-*cart* difettuża iżda l-veloċita' eċċessiva li biha kien qed isuq l-attur u li wasslitu biex tilef il-kontroll tal-istess *cart* waqt li kien qiegħed idur lejn ix-xellug b'dana li l-*cart* tilfet it-*traction* ma' l-art u din minflok daret lejn ix-xellug baqgħet sejra dritt lejn il-lemin tal-liwja;

- Kif ikkonstata l-espert tekniku nkarigat mill-istess soċjeta' konvenuta Philip Zammit[5] l-*isteering rod* tal-*cart* kienet *"sheared"* (*clean cut*), liema konstatazzjoni tissuġġerixxi li r-rod inqasmet b'impatt (li kellu jkun ta' ċertu forza). Dan tenut ukoll li l-materjal kien b'saħħtu u fil-

[4] Xhieda a fol 258
[5] Rapport a fol 26 et seq

fehma tas-soċjeta' konvenuta kien inkonċepibbli kif tali *rod* setgħet tinqasam bi *clean cut* waħedha u minn qabel ladarba l-attur kien diġa' qed isuq il-*cart*;

- Is-soċjeta' konvenuta tiċħad ukoll li fil-korsa kien hemm nuqqas ta' miżuri ta' sigurta' u tinsisti li l-impjegati tagħha m'aġixxewx b'mod traskurat u rresponsabbli.

Ingħad hekk fil-każ **Maurice Hili vs Francis Attard et deċiż 26 ta' Frar 2019-**

"***RESPONSABILITA'***

*Fil-qasam tad-dritt ċivili fejn tidħol ir-responsabilita' akwiljana, l-prinċipju huwa li persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha. Ta' dan in-*nuqqas *trid tagħmel tajjeb għall-ħsara konsegwenzjali. Din wara kollox hija meqjusa bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabilita' ċivili mnissla mill-għemil doluż jew kolpuż.*

*Ġie affermat mill-qrati tagħna:*

*"Illi sabiex tirnexxi azzjoni ghad-danni iridu jigu ippruvati erba' elementi:*

*(1) il-fatt dannuż illeċitu;*

*(2) l-imputabbilita' tal-istess fatt għal min ikun għamlu;*

*(3) id-dannu ikkaġunat minn dan l-istess fatt u*

*(4) id-"dolus" jew "culpa" da parti ta' min ikun għamlu."*

*Għalhekk ikun hemm ir-responsabbli għad-danni jekk tiġi ppruvata konnessjoni loġika ta' kawża u effett bejn l-att u d-danni kkaġunati mill-istess att.*

*In linea ta' prinċipju jinsab enunċjat li "hu mprexxindibbilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawżalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża." (kollez. Vol. XLIV P1 p.343).*

**Il-perit legali l-Avv. Massimo Vella** rrelata hekk dwar il-provi u l-argumenti mressqa mill-partijiet dwar min għandu jġorr ir-responsabilta' tal-inċident -

*"**2.2 Ir-Responsabiltà għall-Inċident**"*

*L-attur jibbaża l-pretensjoni tiegħu fuq il-premessa ta' (i) mechanical failure tal-go kart minnu misjuqa u (ii) nuqqas ta' sigurtà fl-istabbiliment operat mis-soċjetà konvenuta.*

*Is-soċjetà konvenuta tiċħad din it-teżi tal-attur u ssostni li ma kien hemm l-ebda mechanical failure u ssostni li kien hemm sigurtà adegwata fl-istabbiliment minnha operat. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà konvenuta issostni li l-kawża prossima u immedjata tal-inċident "kien is-sewqan bla kont, traskurat, mingħajr ħila u bi speed eċċessiv da parti r-rikorrent jew għallinqas ir-rikorrent ikkontribwixxa għall-istess inċident u poġġa lilu nnifsu f'perikolu."[6]*

***2.2.1 Mechanical Failure***

*L-attur xehed fl-affidavit tiegħu li hu kien qed isuq go kart provduta mis-soċjetà konvenuta f'parti mit-track li kienet dritta. Meta ġie fl-ewwel kisra, l-isteering tal-attur ma kisirx u ġie f'idejh, b'riżultat li r-rota tax-xellug*

[6] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta p. 4.

*tgħawwġet minħabba li nqala' l-isteering. L-attur xehed ukoll li, barra minn hekk, il-brakes tal-go kart ma ħadmux. L-attur jikkontendi li, minħabba f'hekk, hu tilef il-kontroll tal-go kart minnu misjuqa, din ħarġet mit-track u ftit wara ħabtet f'siġra li kien hemm fuq il-post. Jirriżulta li l-attur ilu jsostni din il-verżjoni b'mod konsistenti mill-bidu nett u dan hu konfermat mid-dikjarazzjonijiet minnu magħmula lill-pulizija fil-ġurnata stess tal-inċident hekk kif riprodotti fil-PIRS Report anness mar-Rikors Ġuramentat.*[7]

*Justin Chetcuti, ħabib tal-attur, u li fil-ġurnata tal-inċident kien qiegħed isuq warajh, xehed dwar kif seħħ l-inċident u sostanzjalment ikkonferma dak li stqarr l-attur. Madanakollu, dan ix-xhud meta xehed quddiem il-Perit Legali preċedenti*[8] *ma qal xejn dwar il-ksur tal-isteering u lanqas ma semma li l-attur qallu xi ħaġa dwar dan jew dwar il-malfunzjonament tal-brakes. Mill-PIRS Report anness mar-Rikors Ġuramentat, jirriżulta li meta kien ġie mistoqsi mill-pulizija hu kkonferma li ma kienx jaf jekk inqalax l-isteering jew ir-roti tal-go kart misjuqa mill-attur.*

*Ħadd mix-xhieda imressqa mis-soċjetà konvenuta ma ra l-inċident iseħħ u għalhekk ċertament ma setgħux jikkummentaw dwar id-dinamika tal-istess.*[9] *Għalkemm, skond il-PIRS Report jirriżulta li Daniel Micallef, impjegat tas-soċjetà konvenuta, kien ġibed l-attenzjoni tal-pulizija a tempo vergine li l-go kart misjuqa mill-attur kienet ilha tintuża ġurnata sħiħa qabel l-inċident, mingħajr problemi, meta xehed quddiem il-Perit Legali preċedenti hu ma semma xejn dwar dan. L-esponenti għalhekk huwa tal-fehma li s-soċjetà konvenuta naqset milli ġġib l-aħjar prova a dispożizzjoni tagħha dwar dan l-aspett.*

[7] Ara fol. 11 tal-proċess.
[8] Ara depożizzjoni tal-21 ta' Ġunju 2013.
[9] Ara rispettivament, xhieda ta' Michael Naudi tat-8 ta' April 2015, xhieda ta' Daniel Micallef tal-4 ta' Mejju 2015.

*Is-soċjetà konvenuta tistrieħ fuq ir-rapport ex parte[10] tal-motor damage assessor Philip Zammit li jikkonferma li l-isteering rod tal-go kart de quo li hu magħmul mit-teflon kien sheared off. Iżda l-imsemmi espert ex parte huwa tal-fehma li dan seħħ bħala riżultat tal-impatt tal-ħabta u mhux qabel kif qed isostni l-attur. L-imsemmi xhud jikkonkludi li:*

*"Neither the steering box, nor the column or any other related components were affected. These were all tight and intact in place.*

*Due to the frontal impact and the severe chassis frame distortion, the LH steering tie rod sheared off."[11]*

*Dan ir-rapport ex parte huwa għal kollox sieket fuq it-tieni allegazzjoni tal-attur, ossia, li l-brakes ma ħadmux. L-esponenti għalhekk jikkonkludi li x-xhud ex parte ma eżaminax il-brakes tal-go kart de quo.*

*Is-soċjetà konvenuta tistrieħ ukoll fuq rapport ex parte ulterjuri redatt minn ċertu Bernard Farrugia, rappreżentant ta' Resolve Consulting Limited, loss adjuster imqabbad minn Middlesea Insurance plc, li hija l-kumpannija assiguratriċi tas-soċjetà konvenuta. Dan ir-rapport jaqbel mal-konklużjonijiet kontenuti fir-rapport ta' Philip Zammit.*

*Sfortunatament, is-soċjetà konvenuta iddisponiet mill-go kart de quo, b'mod li ma kienx possibbli għall-Perit Tekniku Joseph Zammit li jeżamina l-istess. Kif jispjega l-istess Perit Tekniku fir-relazzjoni tiegħu, hu kellu biss a dispożizzjoni tiegħu ir-rapport ex parte ta' Philip Zammit u ritratti, iżda mhux il-go kart u*

[10] Ara fol. 26 tal-proċess *et seq.*
[11] Ara fol. 27 tal-proċess.

*lanqas il-partijiet allegatament difettużi. Kif jirrimarka l-Perit Tekniku fil-parti konklussiva tar-relazzjoni tiegħu, "...kien ikun aktar konvenjenti u ġust li l-go kart in kwistjoni u l-partijiet allegati bil-ħsara jiġu konservati għal eżamijiet ulterjuri, anke dawk dwar metal (teflon) fatigue u/jew ħsarat fis-sistema tal-brake li dwar dina ma jingħad xejn u ma hemm l-ebda possibilità ta'eżamijiet." Dawn il-mankanzi wasslu biex il-Perit Tekniku ma setax jagħti konklużjonijiet tekniċi hekk kif minnu mitluba.*

*Il-mistoqsija li tqum hija s-segwenti: fiċ-ċirkostanzi għandha il-Qorti toqgħod allura fuq ir-rapporti ex parte ta' Philip Zammit u ta' Bernard Farrugia u tqis li ma ġiex provat li l-go kart de quo kienet affetta minn xi difett?*

*L-esponenti jissottometti li għandhom isiru s-segwenti konsiderazzjonijiet fir-rigward:*

i. *L-oneru tal-prova tad-difett jinkombi, f'ċirkostanzi ordinarji, fuq l-attur li qed jallega tali difett.*

ii. *Madanakollu, fi kliem Chiovenda, "Come ogni rapporto giuridico o sociale il rapporto processuale deve essere governato dalla buona fede."[12] Minn dan il-prinċipju jitnissel il-korollarju li "le parti e i loro difensori hanno il dovere di comportarsi in giudizio con lealtà e probità."[13] Dwar dan ingħad li:*

*"La violazione dei doveri di lealtà e di probità processuale di cui alla norma può riscontrarsi in tutto ciò che turba la piena e regolare applicazione del principio del contradittorio, come il portare a*

[12] CHIOVENDA, *Principii di Diritto Processuale Civile,* p. 745.
[13] MANDRIOLI, *Diritto Processuale Civile,* Vol. I p. 374.

*conoscenza del giudice fonti di prova ed allegazioni giuridiche in condizioni tali che l'avversario non ne abbia notizia, o non l'abbia in tempo utile per rispondere; il sottrarre al proprio fascicolo un atto o documento ormai acquisito al processo che possa giovare all'avversario;* ***impedire all'altra parte, con atto proprio, di servirsi di un mezzo di prova di cui potrebbe disporre****; il rifiuto di rispondere alle sollecitazioni di chiarimenti del giudice e comunque utilizzare, sotto il velo della legalità formale, i mezzi apprestati dall'ordinamento in modo distorto, al fine di accelerare o ritardare la definizione del giudizio."*[14] *(enfażi miżjuda)*

iii. *L-esponenti huwa tal-fehma li, bl-aġir tagħha, is-soċjetà konvenuta ċaħħdet lill-attur mill-possibilità ta' mezz ta' prova fondamentali għall-allegazzjoni tad-difett fil-go kart de quo. Effettivament, is-soċjetà konvenuta poġġiet lill-attur f'impossibilità li jagħmel il-prova* ***diretta*** *ta' tali difett. Dan iżda ma jeskludix il-possibbiltà tal-prova* ***indiretta****.*

iv. *L-esponenti huwa tal-fehma li tali aġir, da parti tas-soċjetà konvenuta, imur kontra l-prinċipji tal-lealtà u probità msemmija aktar 'l fuq u ċertament is-soċjetà konvenuta m'għandhiex titħalla tieħu vantaġġ minn tali aġir skorrett.*

v. *L-esponenti huwa tal-fehma li dana japplika minkejja li l-go kart ġiet distrutta ferm qabel ma saret din il-kawża.*

vi. *L-inċident de quo seħħ fit-2 ta' Jannar 2010.*

[14] Gramaglia, *Diritto processuale civile. Manuale breve. Tutto il programme d'esame con domande e risposte,* Giuffrè 2011, p. 95.

vii. *Daniel Micallef, impjegat tas-soċjetà konvenuta, xehed li l-go kart de quo ġiet distrutta xi xahar wara l-inċident.*[15] *Dan ix-xhud, xehed hekk, quddiem il-Perit Legali preċedenti:*

*"Il-go kart in kwistjoni ma baqgħatx tajba biex tinstaq. It was a total write off. Intrefgħat għal ftit ammont ta' żmien, saru xi inkjesti, inħadu ritratti u l-go kart kienet irrelevanti għalina.* ***Damet hemm xi xahar****." (enfażi u sottolinear miżjuda)*

viii. *Mill-atti jirriżulta li l-ewwel interpellazzjoni ġudizzjarja magħmula mill-attur lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas tad-danni minnu subiti saret fit-23 ta' Frar 2010 u ġiet notifikata lilha f is-26 ta' Frar 2010.*[16]

ix. *Mir-rapport ta' Bernard Farrugia, rappreżentant ta' Resolve Consulting Limited, loss adjuster inkarigata sabiex tinvestiga l-każ minn Middlesea Insurance plc, il-kumpannija assiguratriċi tas-soċjetà konvenuta, jirriżulta li dan eżamina l-go kart in kwistjoni fil-11 ta' Marzu 2010: "On the 11th March 2010, the undersigned also examined the kart, which was in a dismantled state, at the Insured's premises."*[17]

x. *Dan kjarament igiddeb l-asserzjoni tal-impjegat tas-soċjetà konvenuta li l-go kart ġiet distrutta xi xahar wara l-inċident u dana kollu jixħet dalma kerha fuq il-kredibiltà tal-imsemmi xhud. Minn dan ir-rapport jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kienet għadha fil-*

[15] Ara traskrizzjoni tas-seduta tal-4 ta' Mejju 2015.
[16] Ara foll. 5-6.
[17] Ara rapport ta' Bernard Farrugia p. 6.

*pussess tal-istess go kart sa, mill-inqas, il-11 ta' Marzu 2010, għalhekk* **wara** *li s-soċjetà konvenuta kienet ġiet notifikata bl-ewwel ittra uffiċjali tal-attur.*

xi. *La darba s-soċjetà konvenuta kienet diġà taf bil-pretensjoni tal-attur, u fejn din setgħet twassal, hija kienet fid-dover li tippreżerva l-go kart de quo. Dan l-obbligu huwa konsegwenti għall-obbligi ġenerali ta' lealtà u probità li, fil-fehma tal-esponenti, japplikaw anki qabel ma tinbeda kawża, kemm-il darba ikun ċar li teżisti possibilità ċara ta' tali kawża. L-ittra uffiċjali li tinsab a fol. 5 tal-proċess tikkontjeni intimazzjoni ċara li, fin-nuqqas ta' riżarċiment tad-danni, huwa kien ser jipproċedi ġudizzjarjament. Għalhekk, il-possibbiltà ta' kawża kien aktar milli ċar fiż-żmien meta l-konvenuta għażlet minn jeddha sabiex tiddisponi mill-go kart de quo.*

xii. *Minflok, is-soċjetà konvenuta, l-ewwel ipprokurat rapport ex parte u wara, meta diġà kienet konsapevoli bil-possibbiltà ta' kawża, għażlet li tiddisponi mill-go kart de quo u b'hekk ċaħħdet lill-attur minn prova* **diretta** *essenzjali għall-pretensjoni tiegħu u poġġiet lill-Perit Tekniku f'impossibilità li jkun jista' jasal għal xi forma ta' konklużjoni teknika indipendenti.*

xiii. *L-esponenti huwa tal-fehma li dan l-aġir huwa altament riprovevoli u ċertament is-soċjetà konvenuta m'għandhiex titħalla tibbenefika minnu.*

xiv. *Fil-fehma tal-esponenti, la darba l-go kart ġiet distrutta, il-konklużjonijiet li nsibu fir-rapporti ex parte ta' Philip Zammit u ta' Bernard Farrugia għandhom jiġu skartati għaliex ma jistgħux jiġu*

*verifikati jew kontraddetti indipendentement. Dan japplika multo magis tenut kont tal-fatt li tali impossibiltà tidderiva mill-aġir tas-soċjetà konvenuta stess.*

xv. *Fil-mankanza ta' prova diretta tad-difett allegat, l-esponenti huwa tal-fehma li din l-Onorabbli Qorti tista' tistrieħ fuq prova **indiretta** tal-istess.*

xvi. *Fi kliem Mandrioli, id-distinzjoni bejn il-provi diretti u dawk indiretti hija s-segwenti, "prove dirette e prove indirette, a seconda che siano idonee a far conoscere immediatamente il fatto da provarsi (prove dirette) o che viceversa facciano conoscere uno o più fatti diversi (c.d. indizi), dalla conoscenza dei quali si può risalire, attraverso un'operazione logica, al fatto da provarsi (prove indirette)"*[18]

xvii. *Fi kliem oħra, il-prova ta' fatt tista' ssir, "bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jiġifieri bi provi diretti, bħal dokumenti, xhieda, u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bħal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji kapaċi li jikkonvinċi lill-ġudikant."*[19]

xviii. *Fil-fehma tal-esponenti, il-fatt li s-soċjetà konvenuta għażlet li tiddisponi mill-go kart de quo wara li diġà kienet taf bit-theddida ta' kawża mill-attur, juri li din kellha interess li tiddisponi minn tali vettura u li allura kellha xi ħaġa x'taħbi. Dan aktar u aktar meta wieħed iqis li tali distruzzjoni seħħet wara li s-soċjetà konvenuta kienet laħqet ikkawtelat il-pożizzjoni tagħha b'rapporti ex parte*

[18] Mandrioli, *op. cit.* Vol. II p. 187.
[19] *Aps Bank Limited v. Francis Xavier Micallef,* App. Inf. 15/2008/PS deċ. 7/7/2010.

*favorevoli għaliha. Dan poġġa lis-soċjetà konvenuta f'sitwazzjoni li hija setgħet tistrieħ fuq tali rapport ex parte favorevoli mingħajr ma l-attur seta' jikkombatti l-istess u mingħajr ma l-attur ma seta' jressaq prova diretta tad-difett / malfunzjonament minnu allegat.*

xix. *Kif diġà indikat aktar 'l fuq, l-esponenti huwa tal-fehma li r-rapporti ex parte preżentati mis-soċjetà konvenuta għandhom jiġi skartati għaliex m'humiex indipendentement verifikabbli fin-nuqqas tal-go kart innifisha. Fl-istess waqt, l-aġir skorrett tas-soċjetà konvenuta jikkostitwixxi minnu nnifsu prova indiretta li din kellha x'taħbi u li, fuq bilanċ ta'probabbilitajiet, l-allegazzjoni ta' difett jew mal-funzjonament magħmula mill-attur għandha mis-sewwa. Għalhekk, tenut kont ta' dak kollu premess, l-esponenti huwa tal-fehma li, minkejja l-ostakoli maħluqa mis-soċjetà konvenuta, l-attur seħħlu jipprova d-difett minnu allegat.*

***<u>2.2.2 Nuqqas ta' safety features</u>***

*Apparti l-kwistjoni tad-difett / mechanical failure tal-go kart de quo, l-attur qiegħed ukoll isostni li d-danni minnu sofferti huma attribwibbli għal nuqqas ta' safety features fit-track fejn seħħ l-inċident.*

*M'hemm l-ebda dubbju li s-soċjetà konvenuta għandha obbligu pożittiv li tħares is-saħħa tal-persuni li jkunu qed jużaw it-track minnha ġestita. Dan huwa impliċitu mis-sempliċi fatt li t-track kien fiha xi miżuri ta' sikurezza. Li qiegħed jiġi mistħarreġ hawnhekk huwa jekk tali miżuri kienux adegwati, jew altrimenti neqsin għal kollox, fis-sezzjoni tat-track fejn seħħ l-inċident u jekk tali eventwali nuqqas ta' sikurezza kellux inċidenza (nexus) mad-danni reklamati.*

*L-attur isostni fl-affidavit tiegħu li ma kien hemm xejn x'jilqa' l-impatt mas-siġra li ħabat fiha. Fi kliemu, "ma kien hemm xejn x'jilqa' la tyres, xejn."*[20] *L-attur ippreżenta flimkien mal-affidavit tiegħu ritratt tas-siġra in kwistjoni, liema ritratt ittieħed l-għada tal-inċident, u effettivament ma jidhru l-ebda tyres jew miżuri oħra intiżi sabiex jilqgħu l-impatt. Din il-verżjoni hija korroborata fix-xhieda ta' Justin Chetcuti li kien qed itellaq flimkien mal-attur fil-ħin tal-inċident.*[21] *Josiah Vella, ħu l-attur, xehed li kien jiffrekwenta wkoll l-istabbiliment operat mis-soċjetà konvenuta, u ikkonferma li "Is-siġra ta' fejn sar l-inċident qatt ma kellha tyres magħha biex jilqgħu xi mpatt."*

*Mill-banda l-oħra Michael Naudi, impjegat tas-soċjetà konvenuta, xehed li "Fil-parti fejn seħħ l-inċident, kien hemm 'tyres' mad-dawra tas-siġra. Jekk jintlaqtu mal-ħin it-'tyres' jitranġaw mal-ħin."*[22]

*Daniel Micallef, assistant manager tas-soċjetà konvenuta, xehed li "Is-siġra li ħabat fiha, kienet imdawwra bit-tyres u l-persuna li kienet miegħi on duty huwa metikuluż ħafna u għalhekk żgur ma kienx il-każ għax kien imur jirranġahom li kieku t-tyres ma kienux hemm. ... Bid-daqqa Nathaniel tajjar it-tyres u ħa l-impatt mas-siġra."*[23] *"B'referenza għal paġna 6 fir-rapport eżebit mis-soċjetà konvenuta, ngħid li iva, it-tyres fir-ritratt kienu kif kienu fil-ħin ta' l-inċident. Ikunu f'arranġament simili ħafna. Possibilment, Nathaniel tela' fuqhom it-tyres, però jiena ma kontx qiegħed nara x'kien qed jiġri dak il-ħin."*[24]

---

[20] Ara affidavit tal-attur.
[21] Ara depożizzjoni ta' Justin Chetcuti tal-21 ta' Ġunju 2013.
[22] Ara depożizzjoni tat-8 ta' April 2015.
[23] Ara depożizzjoni tal-4 ta' Mejju 2015.
[24] Ara depożizzjoni tal-24 ta' Ġunju 2015.

*Is-soċjetà konvenuta, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, tikkontendi li kien hemm miżuri ta' sikurezza adegwati, iżda l-inċident seħħ minħabba l-veloċità li biha l-attur kien qed isuq il-go kart de quo. In kontro-eżami, l-attur ikkonferma li hu kien qed isuq il-go kart b'veloċità ta'madwar 80km/h. Is-soċjetà konvenuta tqis tali veloċità bħala eċċessiva u tikkontendi li dan kien il-fattur ewlieni li wassal għall-inċident.*

*L-esponenti iqis li l-fatturi li għandhom jiġu meqjusa huma s-segwenti:*

i. *Hemm verżjonijiet kontrastanti dwar jekk, fil-mument tal-inċident, kienx hemm tyres sabiex jilqgħu eventwali impatt mas-siġra li ħabat fiha l-attur.*

ii. *Madanakollu, Daniel Micallef ma rax l-inċident iseħħ u seta' biss jipotizza li possibbilment l-attur tela' fuq it-tyres li allegatament kien hemm.*

iii. *L-istess jgħodd għal Michael Naudi li ma rax l-inċident iseħħ.*

iv. *Il-verżjoni tal-attur hija korroborata minn Justin Fenech li huwa xhud okulari li ra l-inċident iseħħ. Ħu l-attur ukoll ikkonferma li qatt ma kien hemm tyres sabiex jipproteġu s-siġra in kwistjoni.*

v. *Li kieku kien minnu dak li xehed Michael Naudi fis-sens li jekk it-tyres jittajjru dawn jitpoġġew lura kemm jista' jkun malajr, ma jistax jiġi spjegat kif fir-ritratt[25] tas-siġra li ttieħed l-għada tal-inċident tali tyres ma jidhrux. Ħadd mix-xhieda tas-soċjetà konvenuta ma seta'*

[25] Ara ritratt anness mal-affidavit tal-attur.

*jagħti spjegazzjoni plawsibbli għall-fatt li t-tyres ma jidhrux fir-ritratt.*

vi. *Huwa mistenni li fi track fejn itellqu l-go karts is-sewwieqa jistgħu jitilfu l-kontroll u joħorġu barra mit-track. Hawnhekk ma japplikawx il-prinċipji tat-toroq ordinarji, fejn tlielaq m'humiex permessi. Iżda hawnhekk qed nitkellmu dwar racing track fejn it-tlielaq huma permessi. Fi kliem Daniel Micallef, impjegat mas-soċjetà konvenuta, wara li seħħ l-inċident "It-tellieqa baqgħet għaddejja u ma waqqafnihomx. It-track qatt ma ngħalqet for business.* ***For us it was an incident not an accident****."*[26] *(enfażi miżjuda) Dan iwassal lill-esponenti biex jikkonkludi li kieku mhux għall-fatt li l-attur sofra ġrieħi gravi, ma kien ikun hemm xejn straordinarju fil-fatt li dan tilef il-kontroll tal-go kart tiegħu u ħareġ barra mit-track. Dawn il-konsiderazzjonijiet jimmilitaw kontra l-argument mibni mis-soċjetà konvenuta fuq il-premessa tal-allegat sewqan traskurat da parti tal-attur. Kif ingħad, huwa mistenni li sewwieq jista' jitlef il-kontroll tal-go kart minnu misjuqa fil-kuntest ta' sewqan ġewwa racing track.*

vii. *Huwa proprju għalhekk li fil-partijiet li jiġu barra mit-track is-soċjetà konvenuta installat xi miżuri ta' sikurezza bħal tyres sabiex ittaffi l-impatt ma' siġar u arbli tad-dawl. Il-kwistjoni li qed tiġi mistħarrġa hawnhekk hija jekk is-siġra li fiha ħabat l-attur kienx fiha tali tyres. Il-fatt li l-attur tilef il-kontroll mhux il-fattur determinanti għall-inċident. Il-fattur determinanti huwa jekk il-miżuri ta' sikurezza kienux adegwati sabiex l-attur ma jweġġax kif fil-fatt weġġa.*

[26] Ara depożizzjoni tal-4 ta' Mejju 2015.

viii. *L-esponenti lanqas m'hu konvint li l-veloċità li biha kien qed isuq l-attur, 80km/h, kienet eċċessiva. Is-soċjetà konvenuta ma ppreżentat l-ebda rules and regulations tal-istabbiliment minnha operat li jistabbilixxu x'setgħet kienet il-veloċità massima fil-parti tat-track li kien qed isuq fiha l-attur. Lanqas ma ġew preżentati xi specifications tal-manifattur tal-go kart misjuqa mill-attur sabiex jintwera li 80km/h kienu eċċessivi.*

ix. *Mill-atti jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kellha a dipożizzjoni tagħha go karts li jiġru iktar minn dik misjuqa tal-attur. Fi kliem Daniel Micallef, "Hemm tipi differenti ta' go karts inkluż dawk li jiġru iktar, però ma ntuhomx lill-minuri. Sa fejn naf jien, dakinhar, Nathaniel uża l-go kart normali."*[27] *L-esponenti huwa tal-fehma li dan hu fattur determinanti, għaliex l-eventwali miżuri ta' sikurezza huma l-istess għat-tipi kollha ta' go karts u jekk dawn kienu adegwati għal go karts li jiġru iktar minn dik misjuqa mill-attur, allura jsegwi li l-eventwali veloċità li biha kien qed isuq l-attur ma kellu jkollha l-ebda inċidenza fuq l-akkadut.*

x. *L-esponenti huwa tal-fehma li apparti x-xhieda kollha msemmija aktar 'l fuq, huwa determinanti ir-rapport ta' Resolve Consulting Limited, il-loss adjuster inkarigat mill-assiguraturi tas-soċjetà konvenuta.* ***L-esponenti jirrileva illi fl-atti jinsabu żewġ verżjonijiet tal-istess rapport.*** *L-ewwel verżjoni tinsab a fol. 29 et seq. tal-proċess u ġiet preżentata mis-soċjetà konvenuta stess flimkien mar-Risposta Maħlufa tagħha, it-tieni verżjoni jidher li ġiet emendata sussegwentement u ġiet preżentata mal-affidavit ta' Bernard*

[27] Ara depożizzjoni tal-4 ta' Mejju 2015.

*Farrugia, rappreżentant ta' Resolve Consulting Limited, li rrediġa l-istess rapport u kkonferma t-tieni verżjoni bil-ġurament.*

xi. *Id-differenzi bejn iż-żewġ verżjonijiet huma s-segwenti:*

a. *Fl-ewwel verżjoni tal-imsemmi rapport insibu ritratt, f'paġna 6, li juri s-siġra de quo b'xi tyres imdawrin magħha. Maġenb l-imsemmi ritratt insibu s-segwenti kumment:* ***"This arrangement's effectiveness is limited as a kart might still hit a tree without hitting the tyres first."*** *Fit-tieni verżjoni din is-sentenza tħalliet barra. In kontro-eżami Bernard Farrugia ikkonferma li l-ewwel verżjoni hija dik korretta: "B'referenza għal paġna 6 (Il-kliem ħdejn ir-ritratt) tar-rapport tiegħi anness mar-risposta ġuramentata u mistoqsi rigward il-kliem: "This arrangement's effectiveness is limited as a kart might still hit a tree without hitting the tyres first",* ***nikkonferma illi f'dan il-każ ma kienx hemm miżuri adegwati ta' sigurtà****." (enfażi miżjuda)*

b. *Fit-tmien paġna tal-ewwel verżjoni insibu s-segwenti sentenza:* ***"Badger Karting does not have a documented risk assessment management procedure."*** *Din is-sentenza tħalliet barra mit-tieni verżjoni.*

c. *Fid-disa' paġna tal-ewwel verżjoni insibu s-segwenti sentenza: "Regarding (b), it appears that the Insured maintained all karts in a good condition.* ***The only deficiency in the track might be considered to be the lack of tyres along the section near the tree, and insufficient tyres around the tree itself."*** *Anki hawn, il-parti evidenzjata tħalliet barra mit-tieni verżjoni.*

xii. *Huwa ċar li r-rapport maħluf minn Bernard Farrugia (it-tieni verżjoni) huwa inattendibbli għaliex, konvenjentement, tneħħew minnu dawk il-partijiet kollha li jimputaw nuqqasijiet fil-mezzi tas-sikurezza adoperati mis-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà konvenuta ma tagħti l-ebda spjegazzjoni plawsibbli għal dawn id-differenzi bejn iż-żewġ verżjonijiet. Fil-fatt, is-soċjetà konvenuta ma setgħet tagħti l-ebda tip ta' spjegazzjoni ladarba l-istess Bernard Farrugia stqarr, in kontro-eżami, li "nikkonferma illi f'dan il-każ ma kienx hemm miżuri adegwati ta' sigurtà."*[28]

xiii. *L-esponenti, mingħajr l-ebda tlaqlieq, iqis dan bħala tentattiv ċar ta' manipulazzjoni tal-provi da parti tas-soċjetà konvenuta. Hawnhekk mhux qed nitkellmu dwar xhud li ħa żball ġenwin jew li ma għenitux il-memorja hu u jixhed. Hawnhekk qed naraw każ klassiku fejn rapport ex parte ġie* ***intenzjonalment modifikat*** *sabiex jakkomoda lill-parti li ressqet l-istess rapport ex parte bħala prova. Iżda l-giddieb għomru qasir u jidher li s-soċjetà konvenuta ma eżaminatx akkuratament id-dokumenti minnha ppreżentati. B'hekk, inqabdet faċilment.*

xiv. *L-esponenti iqis li Bernard Farrugia ikkommetta sperġur f'dawn il-proċeduri u jirrimetti f'idejn il-Qorti kwalsijasi azzjoni ulterjuri li tista' tidhrilha opportuna fil-konfront tal-istess xhud.*

xv. *Għall-finijiet tad-diskussjoni preżenti, l-esponenti, meta jieħu in konsiderazzjoni l-provi prodotti mill-attur u meta jqis li Bernard Farrugia stess spiċċa biex ammetta li kien hemm nuqqasijiet fis-*

[28] Ara depożizzjoni tad-29 ta' Frar 2016.

*sikurezza implementata mis-soċjetà konvenuta, jasal biex jikkonkludi li, indipendentement minn kull konsiderazzjoni oħra, jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kellha nuqqasijiet serji fl-aspett tas-sikurezza u li tali nuqqasijiet wasslu sabiex l-attur kellu impatt dirett mas-siġra li ħabat fiha u b'konsegwenza t'hekk sofra d-danni reklamati permezz ta' din il-kawża.*

*xvi. Is-soċjetà konvenuta kienet fid-dover li timplimenta miżuri ta' sikurezza tali li jevitaw impatt mas-siġra li fiha ħabat l-attur, iżda jirriżulta ampjament provat li m'għamlitx hekk. Minn dan tinsorġi r-responsabiltà tagħha għad-danni subiti mill-attur."*

Għandu jiġi osservat li minkejja li żammet ferm mal-pożizzjoni legali tagħha s-soċjeta' konvenuta fin-Nota ta' Kritika tagħha għar-rapport tal-perit legali llimitat il-kritika tagħha għall-fattur tal-*lump sum reduction*[29]. Minn naħa tal-attur huwa kkritika biss il-kwantifikazzjoni tal-*lucrum cessans* fir-rispett tad-dħul tiegħu[30].

Il-Qorti wara li għarblet il-provi kollha mressqa hija tal-fehma li għandha pjenament tikkondividi l-opinjonijiet dettaljati, studjati u eżawrjenti espressi mill-espert legali li għalhekk sejra tagħmilhom tagħha. L-perit legali għamel rapport mirqum, għaraf u kixef l-intriċċi tas-soċjreta' konvenuta għal mod kif presentat id-difiża tagħha. Il-konstatazzjonijiet magħmula fir-relazzjoni msemmija huma altroche' biżżejjed għall-Qorti sabiex iwassluha għall-konklużjoni li s-soċjeta' konvenuta għar-raġunijiet imsemmija għandha ġġorr ir-responsabbilta' sħiħa għall-inċident in kwistjoni.

[29] Fol 416 et seq
[30] Fol 432 et seq

Inoltre l-Qorti żżid ukoll li minkejja li s-soċjeta' konvenuta allegat li bħala miżura ta' sigurta' għall-utenti tagħha, l-go-karts kienu jiġu spezzjonati kuljum minn mekkanik tagħha, din l-asserzjoni **ma ġietx sostanzjata qatt bi provi konkreti u kredibbli**. Anzi ntwera li s-soċjeta' konvenuta lanqas biss iżżomm *record* bil-miktub tal-ispezzjonijiet fuq dawn il-go-karts u l-frekwenza tal-istess spezzjonijiet.

Barra minn hekk, nonostante n-natura tad-divertiment li toffri s-soċjeta' konvenuta, fejn neċessarjament u nevitabilment jaf ikun hemm ċertu periklu għall-utenti, rriżulta wkoll li hija lanqas biss għandha proċedura ta' *risk assessment management*[31].

**Il-Qorti ssib li <u>l-ewwel talba tal-attur sejra tiġi milqugħa</u> b'dana li s-soċjeta' konvenuta għandha ġġorr ir-responsabbilta' sħiħa għall-inċident in kwistjoni.**

Pero' qabel tipproċedi ulterjorment dwar it-talbiet tal-attur għall-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni l-Qorti jidhrilha li, kif anke senjalat mill-perit legali fir-relazzjoni tiegħu[32], hemm lok li jittieħdu passi skont il-liġi kontra Bernard Farrugia, ir-rappreżentant ta' Resolve Consulting Limited għal sperġur kommess minnu fil-proċeduri odjerni.

Jirriżulta li fl-affidavit li huwa ppreżenta fl-atti tal-kawża a fol 351 tal-proċess, huwa bil-ġurament ikkonferma l-kontenut tar-rapport anness miegħu u ċioe' l-*"Accident and Investigation Report"* iffirmat minnu stess bħala direttur tas-soċjeta' Resolve Consulting. Madankollu, minn dan ir-rapport hemm neqsin

[31] Rapport a fol 36
[32] Senjatament il-kunsiderazzjonijiet tal-perit legali enumerati "x" sa "xiv" a fol 201 et seq

dawk il-frażijiet li elenka l-perit legali fir-relazzjoni tiegħu u li jinsabu fl-ewwel verżjoni tar-rapport - ukoll iffirmat minn Bernard Farrugia – li vera kopja tiegħu ġiet ippreżentataa fol 29 et seq flimkien mar-risposta ġuramentata mis-soċjeta' konvenuta.

Tenut kont il-portata li dawn il-frażijiet imneħħija mit-tieni rapport għandhom fuq in-nuqqasijiet misjuba fir-rigward tal-mezzi ta' sigurta' mħaddma mis-soċjeta' konvenuta, liema mertu kien kruċjali u determinanti għall-eżitu tad-deċiżjoni tal-Qorti dwar ir-responsabilta' għall-inċident, ma jista' qatt jitwemmen li dan kien xi żball innoċenti jew *in buona fede*. Anzi din kienet azzjoni ben intenzjonata ta' titwiġ ta' fatt ntiż BISS biex imieri il-verita'. Manipulazzjoni ċara u tonda bil-ħsieb li tiżvija l-Qorti fil-konklussjonijiet tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma ferma li dan l-aġir tax-xhud fir-rigward tat-tieni rapport esibit, bil-kontenut tiegħu addirittura ġuramentat minnu stess, kien deliberatament u konxjament intiż li jinganna lill-istess Qorti fid-deliberazzjonijiet tagħha dwar il-vertenza quddiemha. Din ix-xhieda falza ma tistax ħlief titqies bħala oltraġġ għall-ġustizzja u għall-impenn tal-Qorti fit-tiftix tal-verita'.

**Għalhekk il-Qorti tqis li hemm biżżejjed raġunijiet sabiex jiġi applikat fil-konfront tax-xhud Bernard Farrugia (K.I. 10171M) l-artikolu 601 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta b'dana li għandha tintbagħat kopja ta' din is-sentenza u tal-atti relattivi, permezz tar-reġistratur, lill-Qorti tal-Maġistrati, biex tmexxi kontrih għal sperġur kif trid il-liġi.**

## 3. <u>LIKWIDAZZJONI U ĦLAS TA' DANNI</u>

It-tieni u t-tielet talba tal-attur jirrigwardaw il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti minnu b'riżultat tal-inċident tat-2 ta' Jannar 2010.

**L-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi hekk -

*"1045. (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib:*

.......

*Iżda wkoll li, mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjoni oħra f'dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra, meta danni kkawżati minn reat kriminali jiġu kommessi kontra minuri, il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha dik il-vittma tilħaq l-età maġġuri.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità kkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.*

Fis-sistema tagħna, id-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (*damnum emergens*) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

Fil-każ **Joseph Zammit vs Joseph Bonello deċiż fil-25 ta' Frar 2016**[33] din il-Qorti diversament preseduta ġabret rassenja tal-prinċipji ġenerali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-ġurisprudenza matul is-snin:

[33] Rik Gur 836/01

*"Illi tali regoli ġew supplementati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija* ***"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"*** *– A.C. deċ. fit-22 ta' Diċembru 1967, li tat l-oriġini għal hekk imsejħa multiplier system, li pero` ġiet aġġustata għaż-żminijiet aktar reċenti peress li, kif intqal fil-kawża* ***"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"*** *– A.C. deċ. fis-16 ta' Novembru 1983, "iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu." Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f' Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi –* ***"Savona vs Asphar"*** *App. Deċiż fit-23 ta' Ġunju 1952; u li "għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut." ("***Emanuel Mizzi vs Carmel Attard***":- 13.5.2003); u li "dejjem għandu jkun hemm ċertu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`." –* ***"Francis Sultana vs John Micallef et noe et"*** *– Appell deċiż fl-20 ta' Lulju 1994.*

*Madankollu, fil-każ* ***"Paul Debono vs Malta Drydocks"*** *P.A. deċiża fis-27 ta' April 2015, intqal:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligħ futur minħabba l-*

*inkapaċita`. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja."*

***Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuza bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata d-danneġjat jiġi kalkolat, hija waħda li dwarha l-Qrati Tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases."* ***(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).***

*Għalhekk ġie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-każ "***Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace***" Appell deċiż fil-5 ta' Marzu 1986) gie ribadit li:*

*"In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun bażat fuq l-*

*aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-dannegjat iżda fuq l-aspettativa tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes of life'."*

*Il-multiplier ġie definit kif ġej:*

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (**The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).*

*Ġie stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu ifixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[34]. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji*

[34] *"**Borg pro et noe vs Muscat**" P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.*

*arbitrarji*[35].

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wieħed jagħmel referenza wkoll għal dak li hu mgħallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jingħad li:*

*"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death….."* ***(Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).***

***Tnaqqis minħabba lump sum payment***

*Illi dwar il-lump sum jingħad illi fil-kawża fl-ismijiet "***Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe***." (P.A. (JSP) deċiża fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

*"Fir-rigward għal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'għandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għal 'lump sum payment' jekk ma jkunux għaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data."*

---

[35] *Ara "***Mary Bugeja noe et vs George Agius noe***" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "***Vincent Axisa vs Alfred Fenech et***" (P.A. 16 ta' April 1991); "***Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon"*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.*

*Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz* ***"Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri"*** *deciza fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li –*

*"Għall-finijiet tat-tnaqqis minħabba lump sum payment id-dekors taż-żmien għandu jibda jiġi kalkolat minn meta tiġi ntavolata l-kawża*
*relattiva*
*u mhux minn meta javvera ruħu l-inċident ukoll relattiv."*

*Skont kriterju li ġie eluċidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-każ* ***"Jos Agius vs All Services Ltd."*** *(P.A. TM 1809/01 deċiża fit-2 ta' Ġunju '05) "f'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-benefiċċjarji. Jekk id-deċiżjoni pero`, tkun se tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."*

*Iżda, ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża, dan għaliex "jekk id-danneġjat ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "***Agius vs Fenech***" P.A. deċiża fid-29 ta' Ottubru 2003, "***Sylvester Tabone vs Carmen Abela"*** P.A. deċiża fil-25 ta' Novembru 2013 u* ***"Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd****." P.A. deċiża fit-12 ta' Novembru 2012)."*

**DAMNUM EMERGENS**

Bħala danni emerġenti l-attur qiegħed jitlob is-segwenti spejjeż li għalihom

huwa ppreżenta l-irċevuti relattivi:

i. Fatturi maħruġa mill-isptar Saint James għas-servizzi mediċi mogħtija lill-attur fis-somma totali ta' €4677.00[36].

ii. Fattura maħruġa mill-konsulent ortopediku Mr F. Zammit Maempel għall-eżami kliniku u rapport mediku għas-somma ta' €150.00[37].

iii. Fattura maħruġa mill-fiżjoterapista Jesmond Schembri ghal sessjonijiet ta' fiżjoterapija li ngħata l-attur għas-somma ta' €460[38].

**Total Damnum Emergens: €5,287.00,0**

Ma hemmx kontestazzjoni da parti tas-soċjeta' konvenuta għal dawn id-danni[39].

Il-Qorti tqis li t-talba għal ħlas ta' dawn id-danni hija ġustifikata u għalhekk sejra tiġi milqugħa.

**LUCRUM CESSANS**

**Fir-relazzjoni tiegħu l-perit legali l-Avukat Massimo Vella** għamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet –

*"<u>**2.3.2 Lucrum Cessans**</u>*

[36] Fol 345 et seq
[37] Fol 350
[38] Fol 323-324
[39] Nota ta' Sottomissjonijiet a fol 178

*Diżabilità*

*Is-soċjetà konvenuta mhux qed tikkontesta l-grad ta' diżabilità permanenti pretiż mill-attur u taqbel li dan għandu jkun ta' 12%.*

*Multiplier*

*L-attur twieled fit-3 ta' April 1991,*[40] *għalhekk fid-data tal-inċident kellu tmintax-il sena u tmien xhur. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jissottometti li l-multiplier għandu jkun ta' 37 sena, i.e. daqs li kieku l-attur kellu jieqaf jaħdem ta' 55 sena. Is-soċjetà konvenuta, fin-Nota ta' Sottmissjonijiet, tagħha issottomettiet li l-multiplier kellu jkun ta' 33 sena, i.e. daqs li kieku l-attur kellu jieqaf jaħdem ta' 51 sena. Id-differenza bejn iż-żewġ pożizzjonijiet m'hijiex daqstant kbira, madanakollu xorta waħda trid tiġi mistħarrġa.*

*Is-soċjetà konvenuta tistrieħ fuq is-sistema tabellari li ġie introdott f'Emmeline Cini v. Antoine Cachia,*[41] *li, dejjem skond is-soċjetà konvenuta, "tista' tgħid li ġiet kodifikata". L-esponenti ma jaqbilx. Tali kodifikazzjoni ma tirriżulta minn imkien u jħoss li jkun ferm perikoluż li wieħed jorbot ma' tabella fissa, b'multipliers massimi, li s-sentenza ta' Emmeline Cini lanqas biss tispjega kif waslet għalihom.*

*Jekk naraw xi sentenzi reċenti fejn id-danneġġjat / vittma kien raġel ta' tmintax-il sena, insibu s-segwenti:*

---

[40] Ara PIRS Report a fol. 10.
[41] PA 1169/2008/CFS deċ. 18/2/2013.

i. *Rose Celik et v. Keith Caruana et,*[42] *ġie adottat multiplier ta' 40 sena.*

ii. *Alan Busuttil pro et noe v. Raymond Farrugia,*[43] *ġie adottat multiplier ta' 35 sena.*[44]

iii. *Susan Vella pro et noe v. Ludwig Micallef,*[45] *ġie adottat multiplier ta' 30 sena.*

iv. *Jason Spiteri v. Joseph Deguara pro et noe,*[46] *ġie adottat multiplier ta' 25 sena.*

v. *Josephine Gabriel et noe v. Jean Pierre Farrugia et,*[47] *ġie adottat multiplier ta' 30 sena.*

*Il-verità hija li minn sentenza għall-oħra insibu differenzi, ġieli notevoli, u l-kriterju adoperat fil-fissazzjoni tal-multiplier huwa ħafna drabi għal kollox soġġettiv.*

*Il-pożizzjonijiet rispettivi tal-partijiet f'din il-kawża, għal dak li jirrigwarda dan l-aspett, m'humiex imbegħdin. L-esponenti ser jadotta, arbitrio boni viri, multiplier ta' 35 sena, ossia l-medja bejn iż-żewġ pożizzjonijiet.*

*Introjtu*

*L-attur kien għadu student l-MCAST meta seħħ l-inċident u ma kienx jaħdem. Skond ma jirriżulta mir-rapport mediku redatt minn Mr Frederick Zammit*

[42] PA 706/2015/LM deċ. 21/6/2018, mhux appellata.
[43] PA 68/2004/MCH deċ. 4/10/2011, mhux appellata.
[44] Hawnhekk il-vittma, ċertu Marlon Busuttil, kien għadu ser jagħlaq tmintax-il sena.
[45] PA 299/2007/JA deċ. 10/1/2011, mhux appellata.
[46] PA 74/1992/AL deċ. 11/3/2010, mhux appellata.
[47] PA 1083/2002 deċ. 26/10/2009, mhux appellata.

*Maempel,*[48] *sa Diċembru ta' wara l-inċident, l-attur kien għadu ma marx lura l-MCAST.*

*L-attur jargumenta, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, li l-komputazzjoni tal-lucrum cessans għandha tiġi bażata fuq introjtu ta' €22,000 fis-sena. Is-soċjetà konvenuta targumenta, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, li l-attur huwa biss intitolat għal lucrum cessans bażat fuq il-paga minima nazzjonali, fl-ammont ta' €169.70 fil-ġimgħa, ossia €8,824.40 fis-sena.*

*Jidher illi f'każijiet konsimili, il-qrati tradizzjonalment adottaw il-paga minima nazzjonali bħala bażi tal-kalkolu. F'dan ir-rigward issir referenza għal Ian Coleiro v. Gordon Borg,*[49] *Jo-Ann Stivala pro et noe v. Lorenza Dimech et,*[50] *Raisa Gauci v. George Desira,*[51] *u Fleur Debono v. Shanylee Reed et.*[52]

*L-attur, mill-banda l-oħra, jagħmel referenza għal żewġ sentenzi fejn, minkejja li d-danneġġjat / vittma kien għadu student mingħajr impjieg, il-qorti adottat bażi ta' introjtu ogħla mill-paga minima nazzjonali. L-esponenti jirreferi, fir-rigward, għal Isabelle Borg et v. Robert Galea et,*[53] *Grezzju Gauci et v. Fabio Psaila et,*[54] *u Patrick Bezzina noe et v. Ministru tal-Edukazzjoni u Risorsi Umani et.*[55] *Dawn is-sentenzi kollha jidhru li huma bażati fuq il-possibilità li d-danneġġjat eventwalment jaqla' introjtu ogħla mill-paga minima nazzjonali.*

*L-esponenti jaqbel li, fil-prinċipju, tali raġunament jista' jiġi adottat fil-każijiet idoneji, iżda huwa tal-fehma li tali potenzjalità tad-danneġġjat għandha tiġi*

[48] Fol. 13 tal-proċess.
[49] App. Inf. 414/2005/PS deċ. 26/2/2010.
[50] PA 31/2000/MCH deċ. 28/10/2013.
[51] PA 1152/2009/JRM deċ. 16/3/2016.
[52] PA 111/2016/LM deċ. 19/10/2018.
[53] App. Ċiv. 765/2000/SC/JAF/GV deċ. 3/3/2011.
[54] PA 1238/96/DS deċ. 31/10/2000.
[55] App. Ċiv. 2011/1995/VDG/JDC/JAF deċ. 3/10/2008.

*provata billi, per eżempju, issir il-*prova *li d-danneġġjat kellu xi forma ta' proffiċjenza fl-*iskola *jew* inkella *xi pre-dispożizzjoni għal xi sengħa jew negozju. Hawnhekk, din il-prova hija għal kollox nieqsa. L-*attur iffoka *l-provi tiegħu fuq id-*dinamika *tal-inċident u ma ressaq prattikament l-ebda* prova *dwar xi proffiċjenza akkademika jew pre-dispożizzjoni għal xi sengħa jew negozju li jista' jkollu. Fiċ-ċirkostanzi, l-*esponenti huwa tal-fehma *li jkun imprudenti li jibbaża l-*komputazzjoni *tal-lucrum cessans fuq introjtu ogħla mill-paga minima nazzjonali, bis-*soliti *aġġustamenti għall-għoli tal-ħajja.*

Barra minn hekk, *l-esponenti jagħmel referenza għal dak reċentement deċiż f'Trevor Grech v. Lawrence Agius,*[56] *fejn ġie deċiż li:*

*"Illi din il-*Qorti *hija konsapevoli b'ċerta ġurisprudenza li tqis it-*take home *pay, u mhux il-*gross *pay, filwaqt li ġurisprudenza oħra tqis il-*gross *pay. Il-*Qorti qieset *il-*gross *pay, li tinkludi t-taxxi u l-*kontribuzzjonijiet *tas-sigurta` soċjali, l-ewwel għax kif fuq ingħad ma kkalkulatx il-bonus li kien jieħu l-*attur, *u t-tieni għaliex in-nuqqas ta' ħlas ta' kontribuzzjonijiet soċjali u n-*nuqqas *tal-paga ġġib tnaqqis fil-pensjoni – pensjoni li l-*attur *se jkollu bżonnha iktar minn ħaddieħor – u għalhekk ħaġa tpatti għall-oħra;"*

*L-esponenti jaqbel perfettament ma' dan ir-raġunament u għalhekk huwa tal-*fehma *li l-*komputazzjoni *tal-lucrum cessans għandha tiġi bażata fuq il-*gross *pay. Fil-fatt, is-*soċjetà konvenuta stess *ma għamlet l-ebda tnaqqis għal eventwali tassazzjoni jew* kontribuzzjonijiet *għas-sigurtà soċjali fil-komputazzjoni minnha suġġerita fin-*Nota *ta' Sottomissjonijiet tagħha.*

Finalment, *l-*introjtu *hawn fuq imsemmi irid jiġi aġġustat sabiex jirrifletti żidiet fil-*paga minima *hekk kif mistennija tul il-*perijodu *tal-*multiplier. *Is-*

[56] PA 1030/2013/GM deċ. 17/10/2018.

*soċjetà konvenuta injorat għal kollox dan l-aspett fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha. Minn eżami tas-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell f'dawn l-aħħar ħames snin insibu is-segwenti:*

i. *Żieda ta' 12% għall-inflazzjoni fuq medda ta' 20 sena – Noel Abdilla v. Charlot Cumbo.*[57]

ii. *Żieda ta' €303.78 kull sena għad-durata kollha tal-multiplier sabiex tikkumpensa għall-għoli tal-ħajja – James Spiteri v. Joseph Magro noe et.*[58]

iii. *Adozzjoni ta' l-ammont ta' €10,500 fis-sena bażata fuq il-paga minima nazzjonali fl-1996 aġġustata sabiex tkopri l-inflazzjoni u żidiet fil-paga minima – Linda Busuttil et v. Dr Josie Muscat et.*[59]

iv. *Adozzjoni tal-ammont ta' €15,055.57 bażat fuq il-paga minima fl-2002 bħala bażi tal-kalkolu aġġustat għall-għoli tal-ħajja fl-assenza ta'prova dwar dħul attwali – Frederick Sammut et v. Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.*[60]

v. *Żieda ta' €242 fis-sena għad-durata kollha tal-multiplier sabiex tikkumpensa għall-għoli tal-ħajja – Godfrey Schembri v. Victor Portelli.*[61]

*Jekk wieħed juża s-sentenzi hawn fuq elenkati bħala linji gwida għall-każ preżenti jasal għas-segwenti kalkolu:*

---

[57] App. Ċiv. 593/2005/SC/TM/JA deċ. 24/11/2017.
[58] App. Ċiv. 80/2010/SC/TM/JA deċ. 5/12/2014.
[59] App. Ċiv. 2429/1998/SC/TM/JA deċ. 27/6/2014.
[60] App. Ċiv. 406/05/SC/TM/JA deċ. 24/11/2017.
[61] App. Ċiv. 803/2005/SC/TM/JA deċ. 31/5/2013.

i. *Skond l-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali, il-paga minima nazzjonali fl-2010 għal persuni li għalqu t-tmintax-il sena kienet ta' €152.29 fil-ġimgħa, i.e. €7,919.08 fis-sena.*

ii. *Storikament, jirriżulta li bejn l-1993 u l-2018, il-paga minima nazzjonali ta' kull ġimgħa żdiedet bir-rata medja ta' €3.49, minn sena għal sena, i.e. €181.48 fis-sena.*[62]

iii. *Jekk naghmlu estrapolazzjoni billi nżidu €3.49 fil-ġimgħa, minn sena għal sena, b'effett mill-2019 għaż-żmien rimanenti tal-multiplier suġġerit, i.e. sal-2045, niġu għal introjtu globali ta' €387,153 bejn l-2010 u l-2045.*[63]

iv. *Dan ifisser medja ta' €10,754.25 fis-sena, jew medja ta' €206.81 fil-ġimgħa, li huwa viċin ħafna tal-metru adottat mill-Qorti tal-Appell f'Linda Busuttil et v. Dr Josie Muscat et.*[64]

*Għalhekk, l-esponenti ser jissuġġerixxi li bħala bażi għall-kalkolu tal-lucrum cessans tintuża l-medja ta' €10,754.25 fis-sena.*

*Lump Sum Deduction*

*L-attur jargumenta li l-lump sum deduction għandha tkun ta' 5% (20% - 15%), is-soċjetà konvenuta tissottometti li għandha ssir riduzzjoni ta' 10% (20% - 10%).*

---

[62] Ara L.S. 452.71.

[63] Vide kalkoli dettaljati fl-annessa Tabella 'A'.

[64] App. Ċiv. 2429/1998/SC/TM/JA deċ. 27/6/2014.

*Il-kriterji adoperati fil-ġurisprudenza dwar din ir-riduzzjoni ivarjaw xi ftit. Hemm sentenzi fejn ingħad li l-lump sum deduction ta' 20% għandha tiġi ridotta b'2% għal kull sena ta' durata mid-data tal-inċident li jkun ta lok għall-proċeduri.*[65] *Drabi oħra ingħad li* ***jekk il-kawża ddum aktar minn sentejn****, il-perċentwali tonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża.*[66] *Drabi oħra ingħad li "ma għand jsir l-ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għall-'lump sum payment'* ***jekk ma jkunux għaddew aktar min tliet snin*** *mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perijodu allura għandu jsir tnaqqis ta' 2% għal kull sena minn dik id-data."*[67] *F'kull każ m'għandux biss jitqies id-dewmien per se iżda l-qorti għandha tikkonsidera r-raġuni għall-eventwali dewmien.*[68]

*Għall-kompletezza jingħad illi wara li ġew preżentati n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet, din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, iddeċidiet fi Trevor Grech v. Lawrence Agius,*[69] *li:*

*"Illi l-Qorti mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħdha tingħata lump sum. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tallum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat;"*

---

[65] *Noel Abdilla v. Charlot Cumbo,* App. Ċiv. 593/2005/SC/TM/JA deċ. 24/11/2017.
[66] *Frederick Sammut et v. Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili,* App. Ċiv. 406/05/SC/TM/JA deċ. 24/11/2017.
[67] *Alfred Attard v. Carmel Grima,* App. Ċiv. 590/2002/VDG/JAF/GV deċ. 2/7/2010.
[68] *Emanuel Mizzi v. Carmel Attard et,* App. Ċiv. 103/1989/VDG/JDC/JAF deċ. 28/4/2016.
[69] PA 1030/2013/GM deċ. 17/10/2018.

*Għalkemm l-imsemmija sentenza ġiet appellata u l-appell relattiv għadu pendenti, l-esponenti iqis illi r-raġunament adottat fiha huwa għal kollox korrett u li fil-ġurnata ta' llum m'għadux jagħmel sens li jsir tnaqqis għal lump sum payment sabiex jikkompensa għal xi imgħax bankarju li llum il-ġurnata m'għadux aktar prospettabbli. Lanqas għandu jsir xi tnaqqis minħabba l-possibbiltà ta' xi investiment alternattiv. L-ebda investiment m'hu garantit li jirnexxi, għalhekk m'għandu jsir l-ebda tnaqqis fuq dik li hi, fl-aħħar mill-aħħar, mera suppożizzjoni mbiegħda mir-realtajiet ekonomiċi.*

*Għalhekk, l-esponenti jissottometti li m'għandu jsir l-ebda tnaqqis għal lump sum payment.*

*Jekk din l-Onorabbli Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni u tqis li għandu jsir tnaqqis għal lump sum payment, japplikaw is-segwenti konsiderazzjonijiet:*

*L-inċident seħħ fit-2 ta' Jannar 2010. Ir-Rikors Ġuramentat de quo ġie preżentat fil-21 ta' Frar 2011. Għalhekk għaddew kważi disa' snin mid-data tal-inċident u kważi tmien snin mill-preżentata tal-kawża. Jekk nadoperaw il-metru adottat f'Noel Abdilla v. Charlot Cumbo, ir-riduzzjoni tal-kumpens għandha tkun ta' 2% (20% - (2% x 9 snin)). Jekk nadoperaw il-metru adottat fi Frederick Sammut et v. Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili allura r-riduzzjoni għandha tkun ta' 8% (20% - (2% x 6 snin)). Jekk umbagħad nadoperaw il-metru adottat f'Emanuel Mizzi v. Carmel Attard et r-riduzzjoni għandha tkun ta' 10% (20% - (2% x 5 snin)).*

*L-esponenti huwa tal-fehma li kwalsijasi eventwali tnaqqis għandu jiġi komputat mid-data tal-inċident hekk kif sar f'Noel Abdilla v. Charlot Cumbo għaliex, fl-aħħar mill-aħħar, l-obbligazzjoni tar-riżarċiment titwieled fil-*

*mument li jiġi subit id-*dannu. *Id-data tal-preżentata tal-kawża hija fattur inċidentali għaliex, indipendentement minn meta ssir il-kawża, l-*obbligu *primarju tad-danneġġjant huwa li jirriżarċixxi d-*danni *anki fl-assenza ta' kawża. Jekk id-danneġġjant ma jaqbilx mal-*quantum mitlub *mid-danneġġjat jista' dejjem jiddepożita l-flus taħt l-*awtorità *tal-qorti. Iżda, l-*esponenti *huwa tal-fehma li n-nuqqas ta' ħlas da parti tad-danneġġjant m'għandu qatt jopera a vantaġġ tiegħu. Għalhekk, kemm-*il darba *din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li ma ssegwix l-insenjament kontenut fi Trevor Grech v. Lawrence Agius, allura l-lump sum deduction għandha tkun biss ta' 2% skond il-metru adottat f' Noel Abdilla v. Charlot Cumbo.*

*Komputazzjoni tal-lucrum cessans*

| | |
|---|---|
| *Bażi tal-*introjtu | *€10,754.25* |
| *Multiplier* | *35 sena* |
| *Diżabilità* | *12%* |
| *Total* | *€45,167.85 (€10,754.25 x 35 x 12%)* |
| *Jekk isir tnaqqis għal lump sum payment* | *€44,264.49 (€45,167.85 - 2%)* |

**3. <u>Konklużjoni</u>**

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi jiġi* sottomess *bir-rispett li t-*talbiet *attriċi għandhom jiġu akkolti fl-*ammonti hawn fuq indikati, skond dak li din l-*Onorabbli Qorti jogħġobha tiddeċiedi dwar l-*aspett *tal-lump sum* deduction. *Fl-istess ħin, l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta għandhom jiġu miċħuda in* toto, bl-*ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali fuq id-danni likwidati b'effett mid-*data tas-sentenza *sal-*effettiv pagament, *a karigu tal-istess soċjetà konvenuta."*

Fin-Nota ta' Krititika tagħha għar-rapport tal-perit legali s-soċjeta' konvenuta ndikat in-nuqqas ta' qbil tagħha mal-fattur tal-*lump sum payment* fejn kuntrarjament għal dak propost mill-perit legali argumentat li fil-każ odjern, it-tnaqqis tal-persentaġġ ta' 20% bi 8%/9% għal 12%/11% jkun aktar ġust u raġjonevoli anke jekk wieħed jiskarta l-fatt li hija ma taħti għal ebda dewmien.

Fin-Nota ta' Kritika tiegħu l-attur jirribadixxi li meta vittma jkun għadu student, bħalma hu l-każ tiegħu, ma jkunx ġust li d-dħul tal-vitma jkun ikkalkulat a bażi tal-paga minima nazzjonali għaliex wieħed ma jistax jeskludi l-prospetti ta' xogħol li bih il-vittma jkun jitħallas ferm aktar mill-paga minima. A bażi ta' prinċipji ġurisprudenzjali minnu ċitati, l-attur issottometta li l-kalkolu għandu jkun fuq paga ta' €22,000 fis-sena fuq firxa ta' 37 sena.

Il-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet –

1. Dwar il-**persentaġġ ta' diżabilita'** huwa paċifiku li fil-każ tal-attur għandu jkun ta' **12%** kif stabbilit mill-konsulent ortopediku Mr Frederick Zammit Maempel fir-rapport mediku tiegħu. Il-konsulent ikkonstata li l-attur sofra ksur fl-irkoppa x-xellugija u kellu anke jiġi operat. Wara kellu jagħmel diversi sessjonijiet ta' fiżjoterapija. Għaxar xhur wara l-inċident l-attur ma kienx izappap meta jimxi pero' kienet ser tiżviluppalu l-artrite fi żmien mhux il-bogħod. Hu kien ukoll ser jibqa' jesperjenza skumdita' f'irkupptejh fi ġranet ta' kesħa u umdita' u meta jitla' t-taraġ jew xi sellum. Il-mobilita' tiegħu kienet saret aktar limitata u ma kienx ser ikun komdu jiġri jew jilgħab il-futbol eċċ[70];

2. Dwar **il-multiplier**, il-Qorti wara li rat il-pożizzjonijiet rispettivi tal-partijiet ma ssib ebda raġuni valida fil-fatt u fid-dritt sabiex tiskarta s-suġġeriment tal-

[70] Fol 13 et seq

perit legali li fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern tadotta **multiplier ta' 35 sena**. Inoltre fin-Noti ta' Kritika tagħhom għar-rapport tal-perit legali, ħadd mill-partijiet ma ressaq argumenti li setgħu jikkonvinċu lill-Qorti sabiex tvarja dan il-multiplier.

3. Dwar **l-introjtu tal-attur**, il-Qorti rat il-każistika ċitata mill-partijiet u mill-perit legali. Naturalment huwa dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tapplika l-prinċipji ġurisprudenzjali għaċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ.

Fil-proċeduri odjerni l-Qorti hija tal-fehma li l-introjtu għandu jkun maħdum fuq il-paga minima nazzjonali. Jiġi osservat li l-unika prova skjetta fir-rigward li tirriżulta mill-atti hija li fiż-żmien tal-inċident l-attur kien student fl-MCAST u li, skont dak li rrelata l-konsulent ortopediku Frederick Zammit Maempel fir-rapport tiegħu tat-28 ta' Diċembru 2010, l-istess attur ma rritornax fil-kulleġġ imsemmi. Nonostante l-fatt li minn dakinhar għaddew disa' snin sakemm fl-2019 il-kawża ġiet differita għas-sentenza, l-attur qatt ma ġab ebda prova oħra dwar l-istatus tiegħu ta' student u kif ipproċeda l-perkors tiegħu fir-rigward jew avanzi oħra ottenuti jew mitlufa minnu.

Għal kull buon fini ssir referenza għall-każ **Fleur Debono vs Shanyelee Reed et deċiż fid-19 t'Ottubru 2018** fejn il-vittma kienet għadha m'għalqitx is-sittax -il sena meta seħħ l-inċident u kienet għadha studenta. Irriżulta wkoll li hija kienet qattgħet is-snin ta' wara l-inċident bħala studenta f'xi forma ta' istituzzjoni edukattiva jew oħra. Inoltre ġiet deskritta bħala studenta li kienet tipprometti akkademikament. Dik il-Qorti qalet hekk -

*"Tenut kont li ma tressqet ebda prova dwar kemm hu l-qligħ li l-attriċi tipprospetta li taqla' ladarba ttemm l-istudji tagħha, il-Qorti tikkunsidra li almenu hija dejjem ser tkun qiegħda taqla' l-ekwivalenti tal-paga minima, u għalhekk fin-nuqqas ta' prova aħjar, ser tkun qiegħda tadotta r-rata tal-paga*

*minima fis-sena li fiha seħħ l-inċident bħala bażi għall-fini tal-komputazzjoni tad-danni li trid tagħmel."*

Din il-Qorti kif preseduta jidhrilha li fiċ-ċirkustanzi tal-lum għandha tadotta l-istess linja ta' ħsieb u għalhekk, kif diġa' qalet, sejra tieħu l-paga minima nazzjonali bħala bażi għall-komputazzjoni.

Inoltre, l-Qorti hija tal-fehma wkoll li l-kalkolu għandu jkun fuq il-*gross pay* kif indikat mill-perit legali. Fis-sentenzi tagħha din il-Qorti stess infatti diġa' kellha l-opportunita' li tesprimi ruħha apertament dwar jekk l-introjtu għandux ikun kalkulat bħala *gross pay* jew *net pay*. Fil-każ **Louis Spiteri et vs Citadel Insurance plc et deċiż fit-3 t'Ottubru 2018** kienet qalet hekk -

*"Il-Qorti hija konxja li l-ġurisprudenza hija konfliġġenti dwar dan il-punt. Huwa minnu li hemm ġurisprudenza, kwotata mis-soċjeta' konvenuta li tiffavorixxi l-kalkoli a bażi tas-somma netta ta' salarju perċepit mid-danneġġjat. Iżda hemm ukoll ġurisprudenza oħra li timxi a bażi tal-paga gross. Din il-Qorti kif preseduta, kif diġa' kellha okkażjoni tagħmel f'kawżi ta' natura simili timxi in linea mas-salarju gross tad-danneġjat għax fil-fehma tagħha mhuwhiex kompitu tal-Qrati li jidħlu huma fil-kwistjonijiet ta' taxxa li strettament jispettaw lill-parti danneġġjata u d-Dipartiment tat-taxxi.*

*Hekk kif ingħad fil-każ* ***Ronnie Spiteri et vs Paza Ltd et deċiż fid-29 ta' Settembru 2016***[71] ***-***

*"Il-posizzjoni tal-Qrati tagħna – din il-Qorti tgħid – ġustament – hija li l-fattur rilevanti huwa l-gross wage għaliex it-taxxa fuq id-dħul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` soċjali huma rrilevanti għall-komputazzjoni tal-lucrum cessans billi dawk huma materji li jidħlu fil-kwadru tar-relazzjoni bejn id-danneġġjat u*

[71] Rik Gur 153/08

*l-awtoritajiet fiskali tal-pajjiż iżda ċertament mhux fil-kuntest tar-relazzjoni bejn id-danneġġjat u d-danneġġjant."*

*Ingħad ukoll fil-każ* ***Frank Brincat et vs Claudia Camilleri deċiż fis-26 ta' Novembru 2010***[72] **-**

*"Dwar is-salarju tad-decujus ……jista' jingħad li t-taxxa li seta kien qed iħallas jew li kien għad fadallu jħallas il-mejjet m'għandiex tittieħed in konsiderazzjoni. Fil-kawża "***Laura Formosa et vs Emanuel Spiteri et***" deċiża minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-28 ta'April 2005 saret referenza għas-sentenza fl-ismijiet "***Muscat vs Schembri***" deċiża fis-27 ta Jannar 1972 fejn intqal li "l-income tax li seta' ħallas id-decujus ossia d-danneġġiat hi affari bejnu u l-gvern li fiha l-obbligat ma jidħolx. Bl-istess mod f' "***Micallef vs Cassar***" deċiża fl-10 ta' Mejju 1982 intqal li "l-kontribuzzjonijiet li seta' għamel id-danneġġiat għan-National Insurance m'għandhomx jitnaqqsu mill-paga."*

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, u tenut kont anke l-kunsiderazzjonijiet u l-kalkoli magħmula mill-perit legali inkluż dwar iż-żidiet tal-għoli tal-ħajja, l-Qorti sejra tieħu bħala bażi ta' **ntrojtu tal-attur il-medja ta' €10,754.25 fis-sena**.

4. Dwar **it-tnaqqis tal-lump sum** il-Qorti, anke in vista ta' ġurisprudenza minnha stess ċitata, hija tal-fehm a li fil-każ odjern għandu jkun hemm persentaġġ ta' tnaqqis għall-*lump sum*. Il-Qorti tqis li sal-lum għaddew aktar minn għaxar snin minn meta seħħ l-inċident u aktar minn disa' snin minn mindu nfetħet il-kawża. Hija tal-fehma għalhekk li **t-tnaqqis għall-lump sum payment għandu jkun biss ta' 2%.**

---

[72] Rik 1663/1995

**Il-lucrum cessans għandu għalhekk jiġi kalkulat kif ġej:**

**€10,754.25 x 35 x 12% = €45,167.85 – 2% = €44,264.49**

**Għalhekk is-somma totali li għandu jitħallas l-attur għal *damnum emergens* u *lucrum cessans* hija ta’** €5,287.00,0 + €44,264.49 = **€49,551.49 (disgħa u erbgħin elf ħames mija u wieħed u ħamsin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu)**

Għar-raġunijiet suesposti it-tieni u t-tielet talba tal-attur sejrin jintlaqgħu skont kif appena deċiż u l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta’ konvenuta sejrin jiġu respinti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta’ konvenuta;**

**2. Tilqa’ l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija unikament responsabbli ta’ inċident li gara nhar it-2 ta’ Jannar, 2010 fejn fih korra serjament ir-rikorrenti, u għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti bħala riżultat tal-istess inċident, u dan minħabba traskuraġni, negliġenza u aġir irresponsabbli tal-istess soċjetà konvenuta;**

**3. Tilqa’ t-tieni u t-tielet talba tal-attur u tillikwida d-danni sofferti minnu fis-somma totali ta’ disgħa u erbgħin elf ħames mija u wieħed u ħamsin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€49,551.49) u tikkundanna lis-soċjeta’**

**konvenuta tħallas lill-attur tali somma hekk likwidata in linea ta' danni flimkien mal-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.**

**4. L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tas-soċjeta' konvenuta.**

**5. Għar-raġunijiet suesposti l-Qorti tqis li hemm biżżejjed raġunijiet sabiex jiġi applikat fil-konfront tax-xhud Bernard Farrugia (K.I. 10171M) l-artikolu 601 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta b'dana li għandha tintbagħat kopja ta' din is-sentenza u tal-atti relattivi[73], permezz tar-reġistratur, lill-Qorti tal- Maġistrati, biex tmexxi kontrih għal sperġur kif trid il-liġi.**

**Onor Dr. Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Deputat Reġistratur**

[73] Senjatament: (1) il-vera kopja tal-ewwel rapport ta' Resolve Consulting iffirmat minn Bernard Farrugia u esibit mar-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta a fol 29 et seq; (2) l-affidavit ta' Bernard Farrugia u t-tieni verżjoni tar-rapport appena msemmi anness miegħu a fol 351 et seq; (3) kopja tar-relazzjoni tal-perit legali nkarigat mill-Qorti l-Avv. Massimo Vella a fol 190 et seq